MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 19/2012

**Tal-Maghtab Construction Company Limited [C-11485]**

**vs**

**Calleja Stone Concrete Limited [C-28771] u**

**Noel Calleja [ID. Nru. 426172M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-17 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' elfejn, mitejn tnejn u tmenin euro u sebgha u sebghin centezmi ta' euro [€2,282.77] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attrici qed titlob lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' €2,282.77 (elfejn u mitejn tnejn u tmenin euro u sebgha

u sebghin centezmi) rapprezentanti prezz ta' konkos mibjugh u konsenjat lilkom.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimati gew debitament notifikati bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestawx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-12 ta' Ottubru, 2012, nhar is-7 ta' Novembru, 2012 u tal-lum stess.

Ra li fit-12 ta' Ottubru, 2012 Dr. Alicia Camilleri ghas-socjeta rikorrenti qrat u pprezentat nota ta' cessjoni ghar-rigward tas-sorte pero zammet ferma il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-7 ta' Novembru, 2012 limitatament ghall-kap ta' l-ispejjez u l-fatt li l-intimati naqsu li jidhru illum sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra ukoll li s-sorte thallas mill-intimati wara li giet intavolata l-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti ghar-rigward ta' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta rikorrenti l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------